# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA
# (SEDE KOSTITUZZJONALI)

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 3 ta' Ottubru , 2023**

**Kawza Numru: 6**
**Rikors Numru:- 15/2022 JVC**

**Peter sive Pierre Falzon (K.I. 535060)**

**vs**

**Il-Kummissarju tal-Pulizija u L-Avukat Generali**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors kostituzzjonali ta' Peter sive Pierre Falzon li jaqra kif isegwi:

1. 'Illi fis-sena 2012, ittiehdu proceduri kriminali fil-konfront tar-rikorrenti, permezz ta' liema gie akkuzat, *inter alia,* b'appropjazzjoni indebita;

2. Illi in oltre' ir-rikorrenti kien irrilaxxa stqarrija mal-Pulizija fl-erbatax (14) ta' Dicembru 2012 minghajr ma kellu assistenza legali waqt l-interrogazzjoni u minghajr ma nghata access ghall-materjal investigativ tal-kaz f'dan l-istadju bikri u cioe' dak investigattiv;

3. Illi sussegwentement, nhar it-tlettax (13) ta' Frar 2014, il-Qorti tal-Magistrati sabet bizejjed ragunijiet sabiex l-imputat jitqieghed taht Att tal-Akkuza u ghaddiet biex tiddiferixxi l-kawza ghas-27 ta' Marzu 2014;

4. Illi tul il-kumpilazzjoni quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja, fost l-ohrajn xehdu l-allegati vittmi fejn iddeponew illi r-rikorrenti kien gie fdat minnhom sabiex fil-kwalita' ta' ufficjal pubbliku jhallas taxxi dovuti minn trasferimenti ta' mmobbli;

5. Illi l-prosekuzzjoni ghalqet definittivament il-provi taghha nhar it-28 ta' Lulju 2016;

6. Illi matul il-perkors ta' dawn il-proceduri l-esponenti kien ghaddej minn proceduri separati u li llum jikkostitwixxu *res judicata*, fejn huwa gie akkuzat bl-istess reati ta' indoli proprjetarji;

7. Illi matul il-perkors ta' dawn il-proceduri fil-konfront tieghu u anke fi stadju *pre-trial* kemm ir-rikorrenti u kif ukoll l-avukati tieghu, ma kellhomx access ghad-dokumentazzjoni kollha li kellha l-Pulizija fil-konfront tar-rikorrenti;

8. Illi minn dawn il-proceduri kif ukoll ohrajn li gew istitwiti kontra l-esponenti jidher li ghadd ta' verzjonijiet u dokumenti ma gewx moghtija lill-esponenti f'wiehed minn l-iktar stadji delikati u cioe dak qabel il-prosekuzzjoni tuza d-diskrezzjoni taghha sabiex tipprosekwixxi;

9. Illi dan irrizulta f'nuqqas ta' kontroll tal-istess imputat (li ma kien qatt fuq il-livell tal-prosekuzzjoni *b'level playing field)* fuq ix-xhieda prodotta in prosekuzzjoni, kif ukoll ghat-tnaqqis tal-effettivita' tal-assistenza legali kif prefissa mid-direttiva 2016/1919 u dan wassal ghal difett procedurali li tkarkar minn l-iktar stadju bikri u cioe dak *pre trial* sa llum;

10. Illi fil-prezent il-kumpilazzjoni bin-numru 1342/2012 tinsab pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati hekk kif presjeduta minn l-Onor. Rachel Montebello;

Illi fil-perkors ta' dawn il-proceduri kollha tal-prim'istanza, fil-konfront tar-rikorrenti, huwa qieghed umilment jissottometti illi kien hemm lezjonijiet tad-drittijiet fundamentali tieghu,

senjatament tad-drittijiet tieghu taht l-Artikoli 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, rispettivament, u dan ghar-ragunijiet segwenti;

a. Illi r-rikorrenti ma giex moghti smiegh xieraq kif suppost meta ma nghatax access ghal kull dokument li kien jinsab fil-pussess tal-Pulizija matul il-proceduri kontrih fil-prim'istanza u kif ukoll fi stadju *pre-trial* u fil-mori tal-investigazzjoni;

b. Illi llum il-gurnata, dan id-dritt huwa imnaqqax fl-Artikolu 534AF tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li timponi doveri fuq il-Pulizija Ezekuttiva inkluz dawk proposti mid-Direttiva 2012/13/UE u sal-gurnata ta' llum l-esponenti ghadu ma nghatax access ghall-materjali u l-provi kollha fi hdan l-awtoritajiet kompetenti li ghandhom x'jaqsmu mal-kas;

c. Illi peress li f'Malta l-investigazzjoni titmexxa mill-Pulizija huwa prezunt li hija l-pulizija li qedha fl-aqwa pozizzjoni sabiex tkun taf ezattament x'materjali u provi jirrizultaw minn l-investigazzjoni. Huwa ghalhekk li l-ligi tpoggi dan l-obbligu fuq il-pulizija. L-esponent

m'ghandux jiddependi fuq dak li jaghzel l-ufficjal investigattiv milli jipproduci jew le u anzi jew certu elementi ma jirrizultawx ghandu jkun l-istess ufficjal li jiddikjara kwalunkwe prova kontra kwalunkwe prova favur l-imputat;

d. Ir-riluttanza tal-pulizija li taghti l-verzjonijiet u d-dokumenti tal-pulizija wassal lill-istess pulizija sabiex fethu proceduri ohrajn separati fil-konfront tieghu u dan b'mod fejn l-esponenti ma kellu l-ebda kontroll;

e. Sabiex l-esponenti jipprepara d-difiza tieghu jehtieg li jitqieghed f'sitwazzjoni fejn il-materjal kollu tal-kaz jigi moghti lilu. Permezz ta' Artikolu 8 tad-Direttiva tal-Parlament Ewropew l-istat membru huwa obbligat li jirregistra b'mod specifiku dak li jigi mghoddi lill-esponenti u kif ukoll li l-istess stat jizgura li jkun hemm mod ta' kif tigi kkontestata l-konformita' mal-ligi f'dan is-sens. Illi dawn iz-zewg obbligi m'humiex stabbiliti f'Artikolu 534AF;

f. Illi fin-nuqqas ta' din l-informazzjoni indispensabbli, ir-rikorrenti ma setghax jiddefendi ruhu bl-aqwa mod possibbli u ghalhekk, gie ppregudikat;

g. Illi kif gie ritenut diversi drabi, anke mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Umani, dan id-dritt ta' access ghall-provi li l-Pulizija jkollhom fil-pussess taghhom jimxi id f'id mad-dritt li wiehed ikun informat bin-natura tal-akkuzi migjuba kontrih u ghandu jigi kkunsidrat fid-dawl tad-dritt tal-akkuzat illi jipprepara d-difiza tieghu;

h. Illi kif intqal, fost ohrajn, fil-kawza numru 25444/94 tal-EctHR, ***Pelissier u Sassi v. Franza,***

*"In determining whether the proceedings as a whole were fair, regard must also be had to whether the rights of the defence have been respected. In particular, it must be examined whether the applicant was given an opportunity to challenge the authenticity of the evidence and to oppose its use. In addition, the quality of the evidence must be taken into consideration, as must the circumstances in which it was obtained and whether these circumstances cast doubt on its reliability or accuracy"*[1]

*i.* Illi Fil-kaz **'Rowe and Davis v. The United Kingdom'** inghad illi *'60. It is a fundamental aspect of the right to a a fair trial that criminal proceedings, including the elements of such proceedings which relate to procedure, should be*

[1] *Pelissier and Sassi v. France,* App. Nru 25444/94, EctHR, 25 ta' Marzu 1999

*adversarial and that there should be equality of arms betwwen the prosecution and defence. The right to an adversarial trial means, in a criminal case, that both prosecution and defence must be given the opportunity to have knowledge of and comment on the observations filed and the evidence adduced by the other party (see the Brandstetter v. Austria judgement of 28 August 1991, Series A no. 211, pp. 27-28, 66-67). In addition Article 6 1 requires, as indeed does English law (see paragraph 34 above), that the prosecution authorities disclose to the defence all material evidence in their possession for or against the accused (see the Edwards judgement cited above, p. 35 – 36).*

*61. However, as the applicants recognised (see paragraph 54 above), the entitlement to disclosure of relevant evidence is not an absolute right. In any criminal proceedings there may be competing interests, such as national security or the need to protect witnesses at risk of reprisals or keep secret police methods of investigation of crime, which must be weighed against the rights of the accused (see, for example, the Doorson v. The Netherlands judgement of 26 March 1996, Reports of Judgements and Decisions 1996-II, p. 470, - 70). In some cases it may be necessary to withold certain evidence from the defence so as to preserve the fundamental rights of another individual or to safeguard an important public interest. However, only such measures restricting the rights of the defence which are strictly necessary are*

*permissible under Article 6 – 1 (see the Van Mechelen and Others v. the Netherlands judgement of 23 April 1997-III, p. 712, 58). Moreover, in order to ensure that the accused receives a fair trial, any difficulties caused to the defence by a limitation on its rights mujst be sufficiently counterbalanced by the procedures followed by the judicial authorities (see the Doorson judgement cited above, p. 471, 72, and the Van Mechelen and Others judgement cited above, p. 712, 54).*

*62. In cases where evidence has been withheld from the defence on public interest grounds, it is not the role of this Court to decide whether or not such non-disclosure was strictly necessary since, as a general rule, it is for the national courts to assess the evidence before thenm (see the Edwards judgement cited above, pp. 34-35, 34). Instead, the European Court's task is to ascertain whether the decision-making procedure applied in each case complied, as far as possible, with the requirements of adversarial proceedings and equality of arms and incorporated adequate safeguards to protect the interests of the accused."*

j. Illi prezentament fejn l-imputat qieghed jigi mitlub biex jaghlaq il-provi u jghaddi sabiex jaghmel is-sottomissjonijiet finali tieghu huwa qieghed f'sitwazzjoni fil-prezenti kaz fejn qieghed jigi lez id-dritt ta' smiegh

xieraq tal-esponent imputat li ghal snin shah gie privat minn informazzjoni u materjali essenzjali ghall-kaz;

k. Illi skont dak li gie ritenut fil-kawza ***Emanuel Camilleri vs. Spettur Louise Calleja,*** kif deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, Sede Kostituzzjonali nhar id-29 ta' Settembru 2016, *"Il-funzjoni tal-Qorti, fil-gurisdizzjoni Kostituzzjonali taghha, m'hijiex illi tirrevedi s-sentenzi ta' Qrati ohra biex tghid jekk dawn gewx decizi 'sewwa' jew le, izda hija limitata ghall-funzjoni li tara jekk dawk is-sentenzi kisrux il-Kostituzzjoni jew il-Konvenzjoni Ewropea." Il-Qorti li quddiemha jitqajjem ilment ta' ksur ta' jedd ghal smigh xieraq tista' madankollu tifli l-atti processwali tal-kawza li fiha jitnissel dak l-ilment u kif ukoll il-mertu maqtugh f'dak il-procediment, safejn l-ilment jimpingi fuq xi jedd tal-individwu li r-ragunament tal-Qorti kien arbitrarju jew irragonevoli ghall-kollox."*

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, ir-rikorrenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1.Tiddikjara illi fil-mori tal-proceduri fil-konfront tar-rikorrenti mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja kif ukoll bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, gew lezi d-drittijiet tar-rikorrenti,

senjatament l-Artikoli 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikoli 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem;

2. Tiddikjara li Artikolu 534F tal-Kodici Kriminali ma joffrix rimedju ta' natura ordinarja lill-persuni aggravati li jkunu jikkontestaw ir-rifjut tal-awtoritajiet kompetenti li jipprovdu disclosure tal-informazzjoni f'konformita' mad-disposizzjonijiet tad-direttiva 2012/13UE u l-artikolu 356 u 534AF stess tal-kodici kriminali;

3. Takkorda dawk ir-rimedji kollha effettivi lil din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa;

Salv kull provvediment iehor li jidhrilha xieraq u opportun.

Bl-ispejjez kontra l-intimati li minn issa ngunti ghas-subizzjoni.'

Rat ir-risposta tal-Kummissarju tal-Pulizija et li taqra kif isegwi:

1. 'Illi in suċċint, ir-rikorrent Peter sive Pierre Falzon fil-proċeduri pendenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali preseduta mill-Onorabbli Maġistrat Dr Rachel Montebello (kawża bin-numru 1342/2012) huwa akkużat b'approprijazzjoni indebita waqt li kien uffiċjal pubbliku. Fir-Rikors

Kostituzzjonali odjern qiegħed jallega illi *"fil-mori tal-proċeduri fil-konfront tar-rikorrenti mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja kif ukoll bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, ġew leżi d-drittijiet tar-rikorrenti, senjatament l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikoli 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem".* Talab ukoll li din l-Onorabbli Qorti sabiex *'Tiddikjara li Artikolu 534AF tal-kodiċi kriminali ma joffrix rimedju ta' natura ordinarja lill-persuni aggravati li jkunu jridu jikkontestaw ir-rifjut tal-awtoritajiet kompetenti li jipprovdu disclosure tal-informazzjoni f'konformita' mad-disposizzjonijiet tad-direttiva 2012/13/UE u l-artikolu 356 u 534AF stess tal-kodiċi kriminali'* u talab sabiex *'Takkorda dawk ir-rimedji kollha effettivi li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa';*

2. Illi r-rikorrent isejjes l-ilment tiegħu fuq fost allegazzjonijiet oħra, l-allegazzjoni li ma ngħatax aċċess għal kull dokument li kien jinsab fil-pussess tal-Pulizija matul il-proċeduri kontrih fil-Prim'Istanza kif ukoll fi stadju *pre-trial* u fil-mori tal-investigazzjoni, jallega li sal-ġurnata tal-lum ir-rikorrent għadu ma ngħatax aċċess għall-materjali u l-provi kollha, jallega li kien hemm riluttanza tal-pulizija li tagħti l-verżjonijiet u d-dokumenti u jallega li dan wassal lill-istess pulizija sabiex fetħu proċeduri oħrajn separati fil-konfront tiegħu dan b'mod fejn ir-rikorrent ma kellu l-ebda kontroll.

Ir-rikorrent jgħid illi sabiex jipprepara għad-difiża tiegħu jeħtieġ li jiġi mogħti l-materjal kollu tal-każ, u li fin-nuqqas ta' din l-informazzjoni indispensabbli jallega li ma setgħax jiddefendi ruħu bl-aqwa mod possibbli u għalhekk jgħid li ġie ppreġudikat, filwaqt li jallega li '*qiegħed jiġi mitlub biex jagħlaq il-provi u jgħaddi sabiex jagħmel is-sottomissjonijiet finali tiegħu huwa qiegħed f'sitwazzjoni fil-preżenti każ fejn qiegħed jiġi leż id-dritt ta' smiegħ xieraq tal-esponent imputat li għal snin sħaħ ġie privat mnn informazzjoni u materjali essenzjali għall-każ*';

3. Illi stante li fir-rikors Kostituzzjonali odjern ir-rikorrent jagħmel referenza għal kawża bin-numru 1342/2012 pendenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati preseduta mill-Onorabbli Maġistrat Dr Rachel Montebello, l-esponenti qegħdin permezz ta' dawn l-eċċezzjonijiet jagħmlu referenza speċifika għal dawk il-proċeduri iżda qegħdin minn issa jirriżervaw li jressqu eċċezzjonijiet oħra jekk ikun meħtieġ;

4. Illi l-esponenti qegħdin *tramite* din ir-risposta jirrispinġu l-allegazzjonijiet tar-rikorrent u l-pretensjonijiet marbutin magħhom *stante* li dawn **huma għal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt**;

5. Illi preliminarjament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-Avukat Ġenerali mhuwiex il-legittimu kontradittur fl-

azzjoni istitwita mir-rikorrent u dan skont dak li jipprovdi l-Artikolu 181B tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta);

6. Illi preliminarjament, ir-rikorrent qiegħed juża l-allegazzjoni li diġa' seħħ ksur għal smigħ xieraq biex isawwar l-azzjoni kostituzzjonali odjerna. L-esponenti jeċepixxu illi b'mod kostanti fil-ġurisprudenza (kemm lokali kif ukoll dik tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem) ġie stabbilit li sabiex tinstab leżjoni tas-smigħ xieraq kif imħares taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali **huwa meħtieġ li l-proċess ġudizzjarju jiġi eżaminat fit-totalità tiegħu**. Bħala regola, sabiex ikun jista' jiġi apprezzat jekk proċeduri humiex xierqa jew le, wieħed irid iħares u jeżamina jekk fl-assjem tagħhom, il-proċeduri jkunux jew le kondotti b'ġustizzja. Ir-rikorrent qiegħed iqajjem dan l-ilment fi żmien meta l-proċeduri kriminali in kwistjoni u ċioe' dik pendenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali preseduta mill-Onorabbli Maġistrat Dr Rachel Montebello (kawża bin-numru 1342/2012) ssuperaw l-istadju tal-kumpilazzjoni, fejn il-Prosekuzzjoni għalqet il-provi, ħarġu l-artikoli, fejn id-difiża ressqet provi u fejn il-kawża hija fi stadju avvanzat u ċioe' għall-għeluq tal-provi tad-difiża. Illi stante li l-proċess

kriminali jingħalaq biss meta jkun hemm *res judicata*, ir-Rikors Kostituzzjonali odjern huwa intempestiv. Għaldaqstant, din l-Onorabbli Qorti għandha tiddeklina milli tistħarreġ ulterjorament dan l-ilment, u dan a tenur tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta;

7. Illi bla ħsara għas-suespost u fil-mertu jibda' biex jingħad li l-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jipprovdi li '*Kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali huwa għandu, kemm -il darba l-akkuża ma tiġix irtirata, jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi*'. L-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali jmur oltre' meta jipprovdi li s-smigħ għandu jkun pubbliku u għandu jkun quddiem Qorti jew tribunal indipendenti u mparzjali mwaqqaf bil-liġi. L-esponenti jirrilevaw illi ma sar xejn matul il-proċess kriminali li b'xi mod seta' kiser id-drittijiet tar-rikorrent, u ma jirriżulta minn imkien li b'xi mod ġiet mittiefsa xi waħda mill-protezzjonijiet mogħtija bl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u bl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea;

8. Illi bla ħsara għas-suespost, f'dan ir-rigward jingħad ukoll li: (a) il-proċeduri kollha qed jinżammu u qegħdin jiġu

determinati minn Qorti indipendenti u imparzjali; (b) ir-rikorrent għandu aċċess għall-Qorti; (ċ) is-smigħ kollu qiegħed isir fil-presenza tar-rikorrent; (d) il-partijiet ġew u qedgħin jiġu trattati b'mod ugwali mingħajr ebda vantaġġ proċedurali minn xi persuna fuq oħra; (e) ir-rikorrent qiegħed jingħata l-opportunit*à kollha biex j*iddefendi l-każ tiegħu mingħajr xkiel; (f) ir-rikorrent huwa megħjun mill-avukati tal-fiduċja tiegħu tul il-proċeduri quddiem il-Qorti; u (ġ) ir-rikorrent ingħata ż-żmien u l-faċilitajiet xierqa għall-preparazzjoni tal-każ tiegħu;

9. Illi bla ħsara għas-suespost, għalhekk safejn l-ilment tar-rikorrent huwa msejjes fuq l-allegat ksur tal-**artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta** u tal-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni** Ewropea dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali, l-esponenti jeċepixxu illi r-rikorrent ma ġarabx preġudizzju fil-proċeduri tiegħu u ma ġewx leżi d-drittijiet fundamentali tiegħu;

10. Illi bla ħsara għas-suespost, ir-rikorrent jilmenta li fl-istadju *pre-trial* u fil-mori tal-investigazzjoni ma ngħatax aċċess għal kull dokument li kien jinsab fil-pussess tal-Pulizija matul il-proċeduri kontrih anke fil-prim'istanza. Fl-ewwel lok, l-esponenti jiċħdu li huma ċaħdu l-aċċess għal xi evidenza materjali favur jew kontra r-rikorrent. In oltre'

immedjatament jingħad li meta wieħed jitlob għal *disclosure*, dan ma jfissirx li għandu jedd għal kull ħaġa li hija potenzjalment fil-pussess tal-Pulizija. ***Disclosure*** **tingħata biss fir-rigward ta' provi materjali u rilevanti għall-persuna li tkun qed titlobha.** In oltre' ma jirriżultax x'*disclosure* qiegħed jitlob u x'inhi l-informazzjoni jew l-evidenza li r-rikorrent jallega li ġie pprivat minnha. Għalhekk jirriżulta ċar li dan ir-rikors Kostituzzjonali huwa intiż sabiex itawwal il-proċeduri penali pendenti fil-konfront tar-rikorrent;

**11.** Illi bla ħsara għas-suespost, il-kwistjoni ta' *disclosure* ma xxejinx id-dritt tad-difiża li ttella' l-provi tagħha, li tagħmel kontro-eżamijiet u tikkontesta l-provi miġjuba mill-prosekuzzjoni. L-esponenti għalhekk jiċħdu l-allegazzjoni bla bażi tar-rikorrent li huwa ma setgħax jiddefendi ruħu bl-aqwa mod u li skontu ġie ppreġudikat. Għalkemm ir-rikorrent ma kellux Avukat preżenti waqt li hu rrilaxxa l-istqarrija fl-erbatax (14) ta' Diċembru tas-sena elfejn u tnax (2012) iżda ingħata d-drittijiet legali kollha li kienet tipprovdi għalihom il-liġi inkluż li jikkonsulta ma' Avukat jew prokuratur legali qabel ma saritlu l-interrogazzjoni, għal liem dritt huwa rrinunzja għalih, jirriżulta li d-difiża stess eżentat lil-Prosekuzzjoni milli tressaq xhieda dwar il-volontarjeta tat-tehid ta' dik l-istqarrija. Filfatt fs-seduta tal-

għaxra (10) ta' Lulju tas-sena elfejn u erbatax (2014) fil-proċeduri tal-każ bin-numru 1342/2012 ġie vverbalizzat li *'Id-difiza qieghda tezenta lill-prosekuzjzoni milli tipproduci x-xhieda dwar il-volontarjat tal-istqarrija u d-dritt tal-avukat.'* Jirriżulta li r-rikorrenti xehed fil-proċeduri pendenti u preseduti mill-Onorabbli Maġistrat Dr Rachel Montebello (kawża bin-numru 1342/2012) u ressaq anke provi. Hekk kif il-proċeduri kienu waslu biex jingħalqu u ċioe' l-proċeduri kienu waslu għall-għeluq tal-provi tad-difiża, ir-rikorrenti preżenta din il-kawża u talab lil Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabiex tikkunsidra jekk għandiex matul il-pendenza tal-proċeduri Kostituzzjonali tieqaf milli tisma dik il-kawża sakemm ikun hemm eżitu finali tal-proċeduri Kostituzzjonali;

**12.** Illi bla ħsara għas-suespost, tajjeb li jingħad li l-Artikolu 534AF tal-Kodiċi Kriminali daħal fis-seħħ permezz tal-Att IV tal-2014 filwaqt li r-rikorrent irrilaxxa l-istqarrija tiegħu fl-erbatax (14) ta' Diċembru tas-sena elfejn u tnax (2012) u ċ-ċitazzjoni bl-akkużi ġiet preżentata l-Qorti fl-għoxrin (20) ta' Diċembru tas-sena elfejn u tnax (2012). Għalhekk fl-istadju ta' *pre-trial* u meta ġiet rilaxxata l-istqarrija tar-rikorrent, dan l-artikolu kien għadu ma daħalx fis-seħħ fil-liġi Maltija. Minkejja dan, f'dan il-każ jirriżulta li r-rikorrent xorta waħda ingħata l-informazzjoni materjali għal każ u muri l-evidenza

materjali. In oltre', issa li l-proċeduri jinsabu fi stadju tal-għeluq tal-provi tad-difiża u għalhekk fejn d-difiża għandha quddiemha il-provi kollha materjali favur u kontra r-rikorrent, ir-rikorrent ma jistax jgħid li ma huwiex f'posizzjoni li jressaq id-difiża tiegħu;

**13.** Illi bla ħsara għas-suespost, in kwantu l-allegazzjoni li *'Ir-riluttanza tal-pulizija li tagħti l-verżjonijiet u d-dokumenti tal-pulizija wassal lill-istess pulizija sabiex fetħu proċeduri oħrajn separati fil-konfront tiegħu u dan b'mod fejn l-esponenti ma kellu l-ebda kontroll'* kif ser jiġi pruvat **<u>hija għal kollox infondata</u>**. Illi ma kien hemmx riluttanza da parti tal-Pulizija sabiex tagħti l-verżjonijiet u dokumenti lir-rikorrent, filfatt ir-rikorrent ġie provdut bl-informazzjoni kollha anke fl-istadju tal-investigazzjoni. Illi in oltre', ma kien hemm xejn xi jżomm lil Prosekuzzjoni milli terġa takkuża lir-rikorrent u għalhekk jittieħdu proċeduri kriminali oħra in vista ta' rapporti oħra li sussegwentement saru minn vittmi oħra;

**14.** Illi bla ħsara għas-suespost, ir-rikorrent jilmenta li l-Artikolu 534AF tal-Kodiċi Kriminali *"ma joffrix rimedju ta' natura ordinarja lill-persuni aggravati li jkunu jridu jikkontestaw ir-rifjut tal-awtoritajiet kompetenti li jipprovdu disclosure tal-informazzjoni f'konformita' mad-disposizzjonijiet tad-direttiva 2012/13/UE u l-artikolu 356 u 534AF stess tal-kodiċi kriminali'*. Din hija wkoll infondata. L-esponenti f'dan ir-rigward

jemfasizzaw li mir-Rikors Kostituzzjonali ma jirriżultax x'kienet l-evidenza u informazzjoni li r-rikorrent qiegħed jallega li talab u kien hemm rifjut għal *disclosure*;

**15.** Illi bla ħsara għas-suespost, ir-rikorrent qiegħed jagħmel referenza għall-artikolu 8 tad-Direttiva 2012/13/UE u jallega li *'l-istat membru huwa obbligat li jirreġistra b'mod speċifiku dak li jiġi mgħoddi lill-esponenti u kif ukoll li l-istess stat jiżgura li jkun hemm mod ta' kif tiġi kkontestata l-konformita' mal-liġi f'dan is-sens. Illi dawn iż-żewġ obbligi m'humiex stabbiliti f'Artikolu 534AF'*. Din l-allegazzjoni hija wkoll infondata fil-fatt u fid-dritt. Fl-ewwel lok, l-artikolu 8.1 tad-Direttiva 2012/13/UE jagħmel referenza għall-artikoli 3 sa 6 tal-istess Direttiva. Filfatt l-artikolu 8.1 jipprovdi li *'L-Istati Membri għandhom jiżguraw li meta tingħata informazzjoni lis-suspettati jew lill-persuni akkużati f'konformita' mal-Artikli 3 sa 6, dan jiġi rreġistrat, bl-użu tal-proċeduri ta' reġistrazzjoni speċifikata fil-liġi tal-Istat Membru kkonċernat'*. Għalhekk huwa d-dritt għal informazzjoni dwar id-drittijiet kif stabbilit bl-artikoli 3 ta' din id-Direttiva, l-ittra tad-drittijiet mal-arrest kif stabbilit bl-artikolu 4 tad-Direttiva, l-ittra tad-drittijiet fil-Mandat ta' Arrest Ewropew kif stabbilit fl-artikolu 5 tad-Direttiva u d-dritt għal informazzjoni dwar l-akkuża kif stabbilit fl-artikolu 6 tad-Direttiva li skond din l-artikolu 8.1 tad-Direttiva 2012/13/UE huwa meħtieġ li jiġi reġistrat. Filfatt l-

artikolu 534AB tal-Kodiċi Kriminali jirrigwarda d-dritt għall-informazzjoni u l-ittra bi drittijiet;

**16.** Illi bla ħsara għas-suespost, **in kwantu d-dritt tal-aċċess għall-materjal tal-każ**, dan huwa regolat bl-Artikolu 7 tad-Direttiva 2012/13/UE. Għar-rigward ta' rimedji disponibbli, l-artikolu 7.4 tad-Direttiva 2012/13/UE jipprovdi li:

> "(...) *L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, f'konformità mal-proċeduri fil-liġi nazzjonali, deċiżjoni li tiċħad l-aċċess għal ċertu materjal taħt dan il-paragrafu tittieħed minn awtorità ġudizzjarja jew tkun tal-inqas soġġetta għal reviżjoni ġudizzjarja.*"

17. Illi bla ħsara għas-suespost, fis-subinċiż (4) tal-Artikolu 534AF tal-Kodiċi Kriminali jinstab ir-rimedju msemmi fid-Direttiva 2012/13/UE – Rimedju li r-rikorrent qiegħed jgħid li l-liġi ma toffrix! F'dan is-subinċiż, huwa spjegat kif:

> *"(...)* ***wara li tinstema' l-prosekuzzjoni, qorti jew maġistrat jistgħu jirrifjutaw aċċess għal ċertu materjal, jekk dan l-aċċess ikun ta' theddida serja għal ħajja jew għad-drittijiet fundamentali ta' persuna oħra jew dak ir-rifjut huwa neċessarju sabiex jissalvagwardja l-***

*interess pubbliku importanti jew fejn jista' jippreġudika l-investigazzjoni li tkun għaddejja jew is-sigurta' nazzjonali*".

18. Illi bla ħsara għas-suespost u fi ftit kliem, il-Liġi indirizzat dak li r-rikorrent qed jilmenta minnu. **Jekk persuna tħoss li ma ngħatatx *disclosure* ta' materjal fil-pussess tal-Pulizija, dik il-persuna tkun tista' tirrikorri quddiem Qorti jew Maġistrat. Dik il-Qorti jew Maġistrat għandha l-obbligu li tisma' l-prosekuzzjoni u minn hemm tiddeċiedi jekk aċċess għal materjal għandux jiġi rifjutat.** Il-kliem użati fil-liġi huma wiesgħa preċiżament sabiex persuna tkun tista' tagħmel it-talba tagħha f'ċirkostanzi differenti;

19. Illi bla ħsara għas-suespost, għalhekk l-ilment tar-rikorrent li l-'*Artikolu 534AF tal-kodiċi kriminali ma joffrix rimedju ta' natura ordinarja lill-persuni aggravati li jkunu jridu jikkontestaw ir-rifjut tal-awtoritajiet kompetenti li jipprovdu disclosure tal-informazzjoni f'konformita' mad-disposizzjonijiet tad-direttiva 2012/13/UE u l-artikolu 356 u 534AF stess tal-kodiċi kriminali'* **huwa għal kollox infondat u għandu jiġi miċħud**;

20. Illi subordinatament u bla ħsara għas-suespost, l-esponenti aġixxew korrettament skond il-Liġi u fil-parametri mposti mill-Liġi u bl-ebda mod ma ppreġudikaw id-drittijiet tar-

rikorrent. Kif ingħad, nonostante l-fatt li fl-istadju tal-investigazzjoni mertu tal-proċeduri li minnhom qiegħed jilmenta r-rikorrent, l-artikolu 534AF tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta kien għadu ma daħalx fis-seħħ u filfatt kienet għada ma saritx it-trasposizzjoni tad-Direttiva 2012/13/UE fil-liġi Maltija, jirriżulta li r-rikorrent ingħata l-informazzjoni kollha rilevanti u materjali għal każ. Anke quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja, il-prosekuzzjoni ressqet provi kemm favur u kontra l-imputat. Ġialadarba jirriżulta li l-Prosekuzzjoni fil-proċeduri li llum il-ġurnata huma pendenti quddiem l-Onorabbli Maġistrat Rachel Montebello għalqet il-provi tagħha u inqraw l-artikoli fit-tmienja u għoxrin (28) ta' Lulju tas-sena elfejn u sittax (2016), b'hekk issa li għaddew il' fuq minn ħames (5) snin li fihom id-difiża kellha l-opportunita' li tressaq il-provi tagħha kif filfatt f'uħud mis-seduti għamlet, ċertament li r-rikorrent ma jistax jgħid li ma huwiex f'pożizzjoni li jressaq id-difiża tiegħu. In oltre', l-akkużat kien liberu sabiex jagħmel il-kontro-eżami tax-xhieda kollha prodotti mill-prosekuzzjoni u jikkontesta l-provi materjali. Filfatt stante li l-proċeduri kriminali in kwistjoni għadhom pendenti, r-rikorrent igawdi mill-preżunzjoni tal-innoċenza, l-prosekuzzjoni trid tipprova l-każ tagħha lil 'hinn minn kull dubbju raġonevoli u r-rikorrent għandu kull opportunità li jiddefendi lilu nnifsu kif iħoss li huwa xieraq. Filfatt il-

Prosekuzzjoni mexiet skond dak li jipprovdi l-artikolu 356 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Ir-rikorrent ingħata l-informazzjoni kollha fl-istadju bikri tal-investigazzjoni u l-provi materjali u rilevanti għar-rikorrent inġiebu matul il-kawża u għaldaqstant ma hemm ebda kwistjoni ta' *disclosure* ulterjuri x'tiġi mistħarġa;

21. Illi bla ħsara għas-suespost, ir-rikorrent naqas milli jindika x'inhi l-informazzjoni u evidenza li huwa qiegħed jallega li ma ngħatax *disclosure* tagħha. Naqas milli jindika x'inhu l-materjal u informazzjoni essenzjali li jallega li ġie pprivat minnha. Dan jikkonferma kemm dawn il-proċeduri huma intiżi sabiex ir-rikorrent ikompli itawwal il-proċeduri penali pendenti fil-konfront tiegħu. L-allegazzjoni ta' *'nuqqas ta' kontroll tal-istess imputat (li ma kien qatt fuq il-livell tal-prosekuzzjoni b'level playing field) fuq ix-xhiedha prodotta in prosekuzzjoni, kif ukoll għat-tnaqqis tal-effettivita' tal-assistenza legali kif prefissa mid-direttiva 2016/1919 u dan wassal għal difett proċedurali li tkarkar minn l-iktar stadju bikri u cioe dak pre trial sa llum'* hija ukoll infondata. Ma huwiex minnu li *'fil-mori tal-proċeduri fil-konfront tar-rikorrenti mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja kif ukoll bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, ġew leżi d-drittijiet ta-rrikorrenti, senjatament, l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem'*;

22. Illi fid-dawl ta' dan kollu u tal-pre-ċitati Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u *l*-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali, l-esponenti isostnu li r-rikorrent ma sofriex u ma huwiex isofri ksur tad-drittijiet fundamentali, u li l-ordinament ġuridiku penali Malti ma huwiex leżiv għad-drittijiet fundamentali;

23. Illi stante li ma hemmx leżjoni tad-drittijiet fundamentali u stante li l-allegazzjonijiet u t-talbiet tar-rikorrent huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, jsegwi għalhekk li t-talbiet tar-rikorrent għandhom jiġu miċħuda fl-intier tagħhom minn din l-Onorabbli Qorti;

24. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ.

Għaldaqstant, fid-dawl ta' dan kollu, l-esponenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrent bl-ispejjeż kontra tiegħu.'

Rat illi fil-verbal tat-2 ta' Frar, 2022 gie dikjarat ghan-nom tar-rikorrent:

'li bhala provi ghandu li tigi pprezentata kopja tal-procedura kriminali pendenti quddiem il-Magistrat Rachel Montebello u wkoll xiehda viva-voce tal-Prosekuzzjoni f'dak il-kaz.'

Rat illi fil-verbal datat 23 ta' Mejju, 2023 ir-rikors gie differit ghal-lum ghad-decizjoni bil-fakulta' tal-partijiet li jipprezentaw noti ta' sottomissjonijiet b'termini mposti fuqhom;

Rat l-atti kollha tat-talba ghall-*interim measure* u d-digriet *interim* ta' din il-Qorti (fol. 845 et seq).

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-kawza odjerna tikkonsisti f'ilment ta' indoli kostituzzjonali fejn ir-rikorrent jallega li huwa soffra lezjoni tad-dritt fundamentali tieghu ghal smiegh xieraq fit-termini tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Huwa jallega dan minhabba li jsostni li ma nghatax *disclosure* partikolarment f'kaz kontra tieghu li ghadu pendenti quddiem il-Magistrat Dr. Rachel

Montebello fl-istadju tal-istqarrija u *pre-trial* qabel ma tressaq bl-arrest u fl-istadji konsegwenti. In oltre fil-mori tal-kaz kostituzzjonali odjern ir-rikorrenti jipprova jinfilza dan l-ilment fir-rigward tal-proceduri l-ohra kriminali li ttiehdu fil-konfront tieghu ghall-istess fazi partikolari tal-investigazzjoni cioe' dik tal-istqarrija u *pre-trial*, liema proceduri kienu numeruzi, madwar tmintax-il wahda b'diversi kwerelanti f'kull kaz. Jilmenta wkoll taht l-ewwel talba illi n-nuqqas ta' *disclosure* wassal ghal pluralita' ta' proceduri kontra tieghu wkoll allegatament bi ksur tad-dritt fundamentali ghal smiegh xieraq. Permezz tat-tieni talba tieghu r-rikorrent jitlob li l-Qorti tiddikjara li l-artikolu 534 AG tal-Kodici Kriminali ma joffrix rimedju ta' natura ordinarja lill-persuni aggravati li jkunu jridu jikkontestaw ir-rifjut tal-awtoritajiet kompetenti li jipprovdu *disclosure* tal-informazzjoni b'konformita' mad-disposizzjonijiet tad-direttiva 2012/13/UE u l-artikolu 356 u 534 AG tal-Kodici Kriminali.

Illi l-intimati Avukat Generali u Kummissarju tal-Pulizija jirrespingu l-pretensjonijiet kollha mressqa mir-rikorrent u jsostnu li ma kien hemm l-ebda lezjoni tad-dritt fundamentali tar-rikorrent u partikolarment jemfasizzaw li r-rikorrent ma ndika l-ebda prova jew dokumentazzjoni li talab u li ma gietx mghoddija lilu kif qed isosnti anzi jeccepixxu li fl-atti kriminali huwa qatt ma lmenta minn nuqqas ta' *disclosure* u li din il-kawza giet intavolata sabiex itawwal ulterjorment il-proceduri kriminali u xejn aktar. L-

Avukat Generali jeccepixxi wkoll li mhux il-legittimu kontradittur ghall-proceduri odjerni.

**Mertu:**

Illi mil-lat ta' provi l-Qorti rat in-nota tar-rikorrent datata 3 ta' Marzu 2022 a fol. 19 et seq, li permezz taghha r-rikorrent esebixxa numru ta' decizjonijiet fil-konfront tieghu u rat il-kontenut tal-istess decizjonijiet. Rat ukoll il-kopja tal-proceduri kriminali pendenti quddiem il-Magistrat Rachel Montebello.

Rat partikolarment l-akkuza datata 21 ta' Dicembru, 2012 u rat il-kontenut tal-verbali tal-kumpilazzjoni pendenti quddiem il-Magistrat Rachel Montebello.

Rat ix-xhieda ta' Victor Bonavia, Alessio Vella, Christopher Mark Sammut, Gaetano Xuereb, Francis Mamo, Steve Sant Fournier, Doris Gatt, Salvina Bartolo, Emanuel Bugeja, Helen Bugeja, Paula Carmen Calleja mir-Registru Pubbliku, Lorna Sammut, Joseph Caruana u Joanna Bartolo it-tnejn rapprezentanti tal-Bank of Valletta, Audrey Ghigo rapprezentant tal-Bank HSBC, in-Nutar Clinton Bellizzi, Dr. Rachel Grech rapprezentanta tal-Kummissarju tat-Taxxi nterni, Spettur Maurice Curmi, Carmel Abela rapprezentant tar-Registratur tal-Qorti Kriminali, Etienne

Scicluna Assistent Registratur u Dottor Sean Zammit xhud in difesa u rat il-kopja tal-kuntratti, cekkijiet esebiti, ricevuti u dokumenti tad-Dipartiment tat-Taxxa, notifiki ta' registrazzjoni ta' konvenju, kopji ta' karti tal-identita', *bank statements,* kopji ta' mandati ta' sekwestru, ittri ufficcjali, dettalji dwar *freezing orders*, kontro-mandati, ricerki u provi kollha mressqa.

Rat l-istqarrija tar-rikorrent a fol. 332 et seq minn fejn jirrizulta li qabel l-interrogtorju r-rikorrent irrinunzja ghad-dritt tal-parir legali u li l-istqarrija nghatat wara twissija li huwa ghazel li jiffirma.

Rat il-kopja tar-rapport mal-Pulizija a fol. 373 u 374 tal-process.

Rat li fil-verbal tal-25 ta' Frar, 2016 l-Ufficcjali Prosekutur iddikjara li kien qed jaghlaq il-provi. Rat ukoll li sa dak il-verbal ir-rikorrent fl-ebda stajdu tal-proceduri kriminali in kwistjoni ma kien ghadu qajjem il-kwistjoni ta' allegat nuqqas ta' *disclosure.*

Rat l-artikoli a fol. 556 tal-process li jgibu d-data tas-27 ta' Lulju, 2016, rat lil dawn gew moqrija fis-seduta tat-28 ta' Lulju, 2016 u rat li fil-verbal ta' dik is-seduta l-imputat iddikjara li m'ghandux oggezzjoni sabiex il-kawza tieghu tigi mismugha u deciza minn dik il-Qorti.

Rat mill-verbali li ghal sentejn shah id-difiza ma ressqet l-ebda prova u wisq anqas qajmet xi kwistjoni dwar *disclosure* sakemm fis-seduta tal-1 ta' Novembru 2018 il-kaz gie assenjat minghand il-Magistrat Dr. Anthony Vella ghall-Magistrat Dr. Rachel Montebello in vista tal-elevazzjoni bhala Mhallef tal-Magistrat Vella.

Rat ix-xhieda tal-imputat rikorrent fl-atti kriminali esebita a fol. 578 et seq datata 21 ta' Mejju, 2019. Rat li f'din ix-xhieda r-rikorrent rega' ma semma xejn dwar xi problemi li seta ltaqa' maghhom fid-difiza tieghu rizultat ta' nuqqas ta' *disclosure*. Rat ukoll mill-istqarrija tal-istess rikorrent li dak il-hin tal-istqarrija huwa deher li kien ben infurmat fuq il-kuntratti u l-klijenti li kienu qed isirilu d-domandi dwarhom tant li dawn kienu qed jigu murija lilu.

Rat il-kontenut tad-diversi tahrikiet fil-konfront tar-rikorrent esebiti quddiemha minn Stefania Calafato Testa rapprezentant tar-Registratur tal-Qrati Kriminali a fol. 905 et seq tal-process. L-ewwel tahrika ggib id-data tal-4 ta' Ottubru, 2007 u jkomplu 3 ta' Lulju, 2012 20 ta' Dicembru, 2012, tnejn bid-data tat-12 ta' Frar, 2013, 30 ta' April, 2014 u ohra 7 ta' Settembru, 2016. Rat ukoll il-kopji tad-diversi decizjonijiet mill-Qrati Kriminali fil-konfront tar-rikorrent odjern a fol. 924 et seq li bosta minnhom gia kienet giet esebita kopja taghhom aktar qabel fl-atti.

Semghet u regghet rat ix-xhieda tas-Surpretendent Maurice Curmi a fol. 1048 et seq tal-process. Huwa jispjega kif ghall-ewwel ir-rikorrent kien tressaq fuq xi zewg kazijiet izda mbaghad meta n-nies fethu ghajnejhom fuq dak li kien gara kienu ccekkjaw il-kuntratti taghhom u meta sabu li ma kienux gew insinwati bdew dehlin hafna rapporti w'ghalhekk meta kienu jmorru jirrapurtaw l-ghassa tal-lokal hafna drabu kien jirreferuhom l-Economic Crimes Unit fejn kien jahdem hu. Izid li ma kienx hemm izda sistema centralizzata. Jixhed ukoll li peress li r-rapporti fil-kaz tieghu kienu dahlu fuq perjodu ta' xhur, w'ghalhekk kienu ghaddew numru ta' xhur bejn l-ewwel rapport u l-ahhar wiehed, ma setghux iressquhom kollha f'kaz wiehed anki ghaliex kien hemm volum kbir ta' kazijiet. Jghid li meta kien ikun ghassa kienu dahlu hafna kazijiet quddiemu u hu prova jigborhom hamsa, hamsa. Izid li mid-data tar-rapport sakemm ikunu ressqu lir-rikorrent kienu jghaddu numru ta' xhur. Jikkonferma wkoll li f'hafna mill-kazijiet li ha hsieb hu fil-frattemp lahaq sar arrangament bejn il-partijiet billi wara li jkun tressaq akkuzat ir-rikorrent odjern kien jirregola ruhu. Jikkonferma li r-rapporti li dahlu kienu jirreferu ghal perjodu ta' zmien relattivament zghir.

Mistqosi dwar jekk kellhomx xi diskrezzjoni dwar kif tinghata id-*disclosure* lis-suspettat jghid li dak iz-zmien lanqas kellhom il-fakulta'. Izid li kull rapport li kien jidhollu kien jibghat ghar-

rikorrenti u jikkonfrontah bl-allegazzjonijiet. Izid li meta kien ikun hemm dubju jekk kellhomx imexxu fuq kaz jew le kienu jirreferu ghas-superjuri taghhom jew gieli anki mal-Avukat Generali. Jghid li wara li kien gia ressaq lir-rikorrent l-ewwel darba b'madwar hames rapporti huwa ra li kienu baqghu dehlin numru ta' rapporti allura bdew jistennew naqra biex jigbruhom kollha flimkien. Jghid li ghal kull rapport kien jibghat ghas-suspettat u jinvestigah fuq kull kaz. Kien ikollu d-dokumenti li jkunu ghaddewlu bhal kuntratti li suppost gew insinwati u kif ikun sar il-pagament hafna drabi permezz ta' kopja tac-cekk u kien jikkonfronta lir-rikorrent suspettat bihom. Ma kienx itih kopja imma kien jurih dak li kellu f'idejh. Qabel ma tressaq il-Qorti kien ikun ivverifika mal-Banek fejn ikunu gew trasferiti jew impoggiha l-flus. Jista' jkun kien jinforma lir-rikorrent b'dak li jkun irrizulta mill-Bank izda ma kienx itih kopji. Izid li r-rikorrent qatt ma cahad li ssarffu c-cekkijiet u li dejjem ikkopera. Jghid li r-rikorrent dejjem kien jghidlu li xtaq jirranga imma hafna mill-kazijiet gew isettiljati wara li tressaq b'akkuza. Mistoqsi jekk ir-rikorrent qattx talbu xi informazzjoni materjali dwar l-investigazzjoni u hu ma tahilux jghid li ma jiftakarx imma jemfasizza li r-rikorrent kien ikun jiftakar il-kazijiet kollha, kien ikun *aware* tal-bicca l-kbira mill-kazijiet u kien jiftakarhom. Izid li xi wahdiet kien hemm li ma kienx jiftakar. Izid:

'Dr. Carina Bugeja Testa: Tikkonferma li ir-rikorrent Pierre Falzon qatt ma talbek informazzjoni maerjali dwar l-investigazzjoni u inti m'ghaddejtilux?

Xhud: Le, hekk hu . . ma talabni xejn, kont nurih id-dokumenti hemm hekk dak il-hin u kif jara dan normalmeent kif jara l-kuntratt . . . kien jarfu.'

Mistoqsi kif kien jikkomunika mal-kwerelant jghid li kien johdilhom speci ta' stqarrija x'gara u kienu jtuh kopja tad-dokument tal-kuntratt. Stante li hafna minnhom gew irregolarizzati wara li tressaq akkuzat kien hemm minnhom li telghu jixhdu li thallsu u ohrajn li kellhom jergghu jittellaw jixhdu ghaliex fil-frattemp ikunu thallsu.

Semghet u rat ix-xhieda tal-Ispettur Rennie Stivala a fol. 1065 et seq tal-process. Mistoqsi jispjega x'kien jigri meta kien jinvestiga kazijiet tar-rikorrent jghid:

'Bhala informazzjoni generali, ovjament, l-arrestati kollha kienu jigu offruti d-dritt illi qabel ma jigu interrogati, jikkonsultaw ma' avukat tal-ghazla taghhom ghal zmien sa siegha qabel ma jigu interrogati. U mbaghad ovjament, tittiehed l-istqarrija. Wiehed jiddeciedi, is-suspettat jiddieciedi jekk jaccettax o meno li jikkonsulta mal-avukat telefonikament jew inkella jekk jaghzel l-

avukat li jigi d-*depot* ikellmu qabel imbaghad ttittiehed l-istqarrija pero' ma jkunx presenti. Ma kinetx ghadha dahlet fil-ligi, twelve, thirteen u fourteen, zgur li le. Issa fil-kazijiet li kellu n-Nutar Falzon, dawk li hdimt jien, li interrogajtu jiena, niftakar, I mean, kollha l-istes xejra jiehdu. Ikollna rapport fuq il-persuna, kienet parti fuq xi kuntratt quddiemu, jew bejjiegh jew xerrej, ikun hemm allegazzjoni li dan il-kuntratt wara li sar ghandu gieli jgibulna kopja tal-kuntratt hafna drabi almenu, milli niftakar, u gieli anke cekkijiet, cekk images ta' li jkunu hallsu bihom lis-Sur Falzon li jkunu ghaddewlu ghal ammont ta' taxxa biex hu imbaghad ihallas f'isimhom kif jaghmel in-nutar fuq il-kuntratti. Issa, meta jien ngib lis-Sur Falzon . . . jiena ha nurih il-kopja tal-kuntratt, u sa nurih ic-cekk images jew inkella jekk ma jkollix, l-allegazjoni li jkunu ghamlu, il-complaints il-kwerelanti, meta jigu ghandna jghidu isma, jien hallast tant fuq dan il-kuntratt, u dan ghadu ma giex irregistrat. Hafna drabi, igifieri mill-*istatements* li niftakar jiena, jekk hemm erbgha, sitta, nahseb anke iktar, in-Nutar kien ikun, ovjament, kif jara l-kuntratt, jarah, ihares lejh jaqrah, igifieri ghandu l-liberta li jista' jaqrah, jista' . . . dik il-kopja, jiftakru, jghidli isma, gara hekk u gara hekk u jtini il-versjoni tieghu..'

L-istess xhud jikkonferma li lilu qatt ma saritlu talba u ghal xi raguni jew ohra cahad illi jaghti dokument jew informazzjoni lir-rikorrent. Izid li ghalkemm il-ligi dak iz-zmien ma kinitx tobbligah:

'Pero' xorta ma kienx jaghmel sens mod iehor biex niehu stqarrija ta' nutar, li qed jigi allegat li ma ghamilx xoghlu, li jien ma nurihx il-kuntratt u l-prova tal-pagament. Igifieri din kienet semplici, li jiena nurih id-dokumenti u hu jwegibni fuqhom . . .jiena ma nafx x'inhi, x'inhuma dawn id-dokumenti illi qed jaghmel referenza ghalihom is-Sur Falzon. Li nista' nghid hu illi, dak kollu li kellha l-pulizija u li kienet se tuza fil-konfront tas-Sur Falzon bhala imputat, ikunu il-kuntratti jew inkella skritturi privati jew whatever ikun ghamel bhal nutar, il-prova jekk ikollna bhala cekk image jew draft image jew inkella kontijiet tal-bank minn fejn ikunu ingibdu il-flus ta' dawn il-persuni, plus il-verzjoni tal-kwerelant li jkun gie jaghtiha lilha, u hi xhieda viva voce f'kull procedura kriminali.'

Mistoqsi ghalfejn kien hemm pluralita ta' akkuzi jghid li l-kazijiet bdew anki qabel is-sena 2011 u r-rapporti baqghu dehlin anki sas-sena 2016:

'Jekk il-proceduri infethu mill-2011, ha li niftakar jiena, mill-2011 sal-2016 ghax ikunu dahlu definitely f'perjodu u snin differenti. Issa li kien qed jigri hu li jekk jissemma' xi haga fuq xi gazzetta jekk isemma' xi haga fuq l-ahbarijiet, jekk nies li jafu lil xulxin jitkellmu, jghidu isma, inqdejna b'dan in-nutar, inqdejna . . . iccekkja naqra l-affarijiet. U jmur jiccekjahom u mbaghad jaghmlu

rapport sitt xhur wara, u l-pulizija tkun tiga hadet azzjoni fuq ammont ta' rapporti li jkunu dahlu fil-perjodu precedenti, ovjament, irid jerga jinfetah kaz iehor.'

Fix-xhieda tieghu izid li mill-kazijiet tieghu ma jafx li kien hemm xi kaz li gie transatt filwaqt li minn dawk li wiret isostni li kien hemm minnhom li gew transatti fil-perjodu bejn wara d-decizjoni tal-ewwel Qorti u l-appell. Dwar dokumenti jghid li dawk li kellu fl-istadju tal-investigazzjoni gew esebiti minnu stess fl-atti kriminali filwaqt li kien hemm dokumentazzjoni ohra li esebewhom xhieda u minn dak il-mument kull dokumentazzjoni fl-atti tkun a disponibilita' tal-imputat. Izid li l-imputat rikorrent odjern fl-ahhar ta' kull stqarrija meta mistoqsi jekk kellux aktar xi jzid qatt ma gibed l-attenzjoni li kien hemm kazijiet ohra simili.

Rat id-dokumentazzjoni ulterjuri esebita minn Stephania Calafato Testa nhar l-20 ta' April, 2023 a fol. 1075 et seq tal-process liema dokumentazzjoni tikkonsisti fil-parti rimanenti mill-proceduri kriminali pendenti quddiem il-Magistrat Dr. Rachel Montebello u wkoll fit-tahrikiet u istqarrijiet tar-rikorrent f'madwar tmintax-il kaz imressqa fil-konfront tieghu kif ukoll informazzjoni dwar *freezing orders* u sekwestri.

Il-Qorti tinnota li f'bosta mill-istqarrijiet esebiti gie specifikatament indikat li kienet qed tigi murija lis-suspettat

rikorrent id-dokumentazzjoni partikolarment kuntratti li fuqhom kienu qed isiru d-domandi lill-istess suspettat. Minn qari tal-istqarrijiet il-Qorti setghet tivverifika li s-suspettat malli gie muri d-dokumentazzjoni kien jidentifika tista' tghid mill-ewwel il-kaz, jaghraf id-dokumentazzjoni u jaghti spjegazzjoni dettaljata fuq l-istess u jirrispondi ghad-domandi pjuttost f'dettal anki fejn jinsabu l-flus involuti. Seta jidentifika wkoll kazijiet li gia kienu miftuha fil-konfront tieghu fil-Qorti. Rat ukoll li fejn huwa ma ftakarx gie mnizzel specifikatament fl-istqarrija li kien ser jaghmel il-verifiki tieghu. A fol. 1269 tinsab stqarrija tar-rikorrent suspettat fejn sahansitra huwa stess jghid li l-Pulizija urietu d-dokumenti u hu wkoll tpogga f'posizzjoni li jiprezenta lill-Pulizija kopja awtentika tal-istess. Rat ukoll id-diversi dikjarazzjonijiet iffirmati mir-rikorrent fejn huwa ghazel li ma jkollux ghajnuna legali qabel ma jigi nterrogat.

Rat il-kopja tal-verbal fl-atti kriminali pendenti quddiem il-Magistrat Dr. Rachel Montebello datat 13 ta' Jannar, 2022 fejn issemmiet il-kawza kostituzzjonali odjerna u ntalbet tissoprasjedi pendenti l-kawza odjerna. Il-Qorti rat li fl-atti kriminali, almenu dawk esebiti fl-atti odjerni, din kienet l-ewwel darba li ssemmiet il-kwistjoni tal-allegat *non disclosure*.

Rat illi fix-xhieda tas-Surpretendent Maurice Curmi fl-atti kriminali datata 9 ta' Gunju, 2022 saru domandi mid-difiza lix-

xhud dwar liema dokumentazzjoni tpoggiet a disposizzjoni tas-suspsettat fl-istadju tal-istqarrija. Dan meta l-kaz kostituzzjonali odjern kien gia gie ntavolat. F'dik ix-xheida s-Surpretendent Curmi kkonferma li huwa kien jikkonfronta lis-suspettat bil-kuntratti mghoddija lilu u l-evidenza li kien ikollu u jurihomlu. Basikament jghid li kienu ikollu l-kuntratt li jkun iprovdielu l-kwerelant u r-rapport. Jekk kien ikollu kopja tac-cekkijiet kien ukoll jikkonfrontah bihom.

Dwar in-numru ta' kazijiet fil-konfront tar-rikorrent odjern jghid li ghall-bidu dawn it-tip ta' kazijiet kienu qishom bla precedent u bdew iressquhom wiehed wiehed izda mbaghad meta raw li kien hemm numru sostanzjali ta' rapporti hu kien beda jghaqqadhom hamsa, hamsa. Jikkonferma li r-reati li gew addebitati lir-rikorrent kienu kollha l-istess u jirrigwardaw flejjes li klijenti ghaddewlu biex ihallas it-taxxi dovuti u l-bolla li hu apparentement ma kienx ihallas.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

**L-eccezzjoni li l-Avukat Generali mhux il-legittimu kontradittur:**

L-Avukat Generali jsostni li mhux il-legittimu kontradittur fil-proceduri odjerni u jaghmel referenza ghall-artikolu 181 B tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili. Dan l-artiklu jipprovdi li l-Gvern ghandu jkun rapprezentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-Kap tad-Dipartiment tal-Gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni. Fil-kaz odjern jirrizulta li r-rikorrent qed iressaq ilment ta' allegat ksur ta' jedd fundamentali fil-konfront tal-prosekuturi fil-kaz kriminali kontra tieghu. Jirrizulta li l-prosekuturi fil-kaz odjern huma kemm il-Kummissarju tal-Pulizija kif ukoll l-Avukat Generali ghaldaqstant il-Qorti ma taqbilx li l-Avukat Generali mhux legittimu kontradittur fir-rikors odjern. Dan qed jinghad minghajr ma l-Qorti qed tidhol fil-mertu tal-lanjanza f'dan l-istadju tad-decizjoni. Ghaldaqstant il-Qroti ser tghaddi sabiex tichad il-hames eccezzjoni tal-intimati stante li tqis l-Avukat Generali bhala legittimu kontradittur fil-kaz odjern.

**Bazi Legali fil-mertu:**

Illi l-artikolu 534AF gie introdott fil-Kodici Kriminali wara li saret it-trasposizzjoni fil-ligi Maltija tad-Direttiva 2012/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 li titratta d-dritt ghall-informazzjoni fi proceduri kriminali (Att IV tas-sena 2014). Din tipprovdi ghad-dritt ta' access tal-persuna akkuzata

ghal dik l-evidenza materjali li jkollha f'idejha il-Prosekuzzjoni. Fil-kaz tar-rikorrent odjern dan l-artikolu lanqas kien ghadu dahal fis-sehh fl-istadju tal-*pre-trial* tal-proceduri kriminali koncernati cioe' dawk pendenti quddiem il-Magistrat Dr. Rachel Montebello izda r-rikorrent jattakka l-atti xorta wahda taht il-kappa tal-jedd fundamentali ghal smiegh xieraq fit-termini tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Illi dwar dan il-jedd il-Qorti Kriminali fil-kaz Repubblika vs. Yorgen Fenech (att ta' akkuza numru 17/12/2022 digriet datata 9 ta' Dicembru, 2022) iddikjarat kif isegwi:

'Illi l-artikolu 534AF[2] daħal fis-seħħ fil-Kodiċi Kriminali wara li saret it-trasposizzjoni fil-liġi Maltija tad-Direttiva 2012/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar id-dritt għall-informazzjoni fi proċeduri kriminali u dan bis-saħħa tal-

[2] (2) Il-persuna suspettata jew l-akkużat għandu jkollhom aċċess, mingħajr ħlas, għall-evidenza materjali kollha li tinsab fil-pussess tal-Pulizija, kemm jekk hija kontra jew favur l-imsemmijin persuna suspettata jew akkużat, jew lill-avukat tagħhom sabiex tiġi salvagwardjata proċedura ġusta u sabiex jipprepara għad-difiża tagħhom.

(3) Mingħajr preġudizzju għas-subartikolu (1), l-aċċess għall-evidenza materjali msemmija fis-subartikolu (2) għandu jingħata fi żmien xieraq sabiex ikun hemm eżerċizzju effettiv tad-dritt għal difiża u tal-inqas għandu jingħata mas-sottomissjoni tal-merti tal-kawża. Fejn aktar evidenza materjali tiġi fil-pussess tal-Pulizija, għandu jingħata aċċess fi żmien xieraq sabiex tkun tista' tiġi kkunsidrata mill-persuna suspettata jew mill-akkużat jew l-avukat tagħhom.

Att IV tas-sena 2014. Din tirreferi għad-dritt ta' aċċess tal-persuna akkużata għal dik l-evidenza materjali li għandha f'idejha il-Prosekuzzjoni. Issa għalkemm huwa il-jedd fondamentali tal-akkużat li jsir proċess ġust u li jkollu smigħ xieraq bid-dritt li huwa jiddefendi ruħu għall-akkużi serji lilu addebidati, b'dan għalhekk illi jingħata il-jedd iħejji id-difiża tiegħu fi żmien xieraq, madanakollu jerġa' jiġi ribadit, illi jekk kien hemm tali nuqqas ta' aċċess għal xi evidenza materjali minn naħa tal-Prosekuzzjoni jew tal-Pulizija, dan ċertament ma jwassalx għal xi nullita' fl-Att t'Akkuża. Illi l-liġi issemmi dawk l-istanzi li iġibu fix-xejn l-Att t'Akkuża u jirrenduha nulla, kif ingħad. L-allegat nuqqas lamentat mill-akkużat f'din l-eċċezzjoni mhijiex waħda minn dawk ikkontemplati fil-liġi. Il-Qorti, minn naħa l-oħra, ma tistax tagħti il-jedd lill-akkużat li jembarka ruħu fuq xi tip ta' *fishing expedition* sabiex jara jekk hemmx xi prova li setgħat ma ġietx lilu magħrufa minn naħa tal-Prosekuzzjoni, iktar u iktar meta l-Pulizija Eżekuttiva iddikjarat tul il-proċess penali illi l-evidenza materjali li kellha f'idejha hija kollha għad-disposizzjoni tal-akkużat. . . . .

. . . Illi din il-Qorti ordnat li jissejjaħ biex jixhed is-Supretendent Keith Arnaud fir-rigward ta' din l-evidenza li l-akkużat jikkontendi li hija materjali għal każ tiegħu u li tagħha huwa qiegħed jitlob id-*disclosure*. Illi wara li instemgħet din ix-xiehda, b'd-digriet tagħha tat-30 ta' Novembru 2021, (fols 834 et seq. (Vol 2)), kien deċiż illi :

**"Fir-rigward tal-ezebizzjoni ta' intercettazzjonijiet telefonici, mix-xiehda tas-Supretendent Keith Arnaud moghtija quddiem il-Qorti fis-seduta tat-22 ta' Ottubru 2021, jidher illi 1-Kummissarju tal- Pulizija ma ghandux dawn 1-intercettazzjonijiet f'idejh billi dawn gew utilizzati mill-pulizija fil-kors tal-investigazzjonijiet ghaliex il-Kap tas-Servizzi tas-Sigurta' ippermettielu li dawn jinstemghu minnu sabiex iqies jekk kellhomx xi utilita' ghall-investigazzjoni. Fi kwalunkwe kaz jekk dawn l-intercettazzjonijiet ma sarux skont il-ligi, kwindi lanqas ma jistghu jkunu producibbli bhala prova fil-Qorti."**

Illi l-Qorti Kostituzzjonali iddeċidiet hekk f'rikors kostituzzjonali u konvenzjonali istitwit mill-akkużat stess b'referenza għal proċess penali pendenti fil-konfront tiegħu:

**"Għalkemm kif ingħad huwa minnu li fi proċeduri kostituzzjonali hemm ammont ta' flessibilita` f'dak li jirrigwarda t-tmexxija tal-proċedura mill-Qorti, dan ma jfissirx li xi parti tista' tuża dawn il-proċeduri biex tagħmel fishing expedition u totjeni l-produzzjoni ta' provi li mhumiex neċessarjament relevanti għall-proċeduri istitwiti minnha.**

**Inoltre, l-fatt li l-attur naqas milli jispjega x'inhi din l-informazzjoni li huwa jgħid li hija relevanti, il-Qorti tinsab fl-impossibilita` li tiżen l-interess tal-appellant kontra l-interess pubbliku biex tiddetermina jekk dan huwiex każ fejn hija meħtieġa d-disclosure tad-dokumenti rikjesti minnu minkejja dak provdut mil-liġi." – Yorgen Fenech vs Kummissarju tal-Pulizija et – QK 18/07/2022.'**

**Konsiderazzjonijiet fil-mertu:**

Illi din il-Qorti ghamlet referenza specifika ghad-digriet suespost ghar-raguni li tqis li dan jinkorpora ezatt fih dak li hemm nieqes da parti tar-rikorrent fil-proceduri odjerni. Il-Qorti rat kelma b'kelma l-process ferm voluminuz tar-rikors kostituzzjonali odjern li jgib mal-elf u erba'mitt pagna (1400) u nnotat dak li jsegwi:

(i) Illi mkien fl-atti tal-kriminal esebiti l-imputat ma qatt ilmenta fuq nuqqas ta' *disclosure* fil-*pre-trial stage* partikolarment fl-istadju tal-istqarrija u/jew talab li l-Qorti tal-Magistrati ttih xi rimedju dwar dan. Lanqas tressaq xi ilmenti dwar *disclosure* fl-istadji ulterjuri tal-proceduri kriminali. Il-Qorti rat li l-ewwel domandi li saru dwar 'disclosure' lis-Surpretendent Maurice Curmi fl-atti kriminali saru wara li gie ntavolat ir-rikors kostituzzjonali odjern

w'ghalhekk ir-rikorrent kellu nteress li jwaqqaf il-proceduri kriminali stante l-pendenza ta' dawk kostituzzjonali odjerni.

(ii) Illi minn analizi tal-proceduri kriminali kemm dawk pendenti quddiem il-Magistrat Dr. Rachel Montebello kif ukoll id-diversi l-ohra li partijiet minnhom gew esebiti fl-atti odjerni, l-Qorti rat ukoll li anki fl-istadju tal-istqarrija r-rikorrent qatt ma lmenta fuq xi nuqqas ta' *disclosure* u wkoll jirrizulta li ghall-kuntrarju ta' dak li jsostni, kull darba li huwa ghamel stqarrija wara li ghazel li ma jikkonsultax l-avukat, l-investigaturi nvoluti dejjem ghamlu referenza ghad-dokumentazzjoni li kellhom f'idejhom mghoddija lilhom mill-kwerelanti u din id-dokumentazzjonim giet murija lir-rikorrent minghajr ebda eccezzjoni partikolari.

(iii) Illi ghalkemm fl-atti odjerni r-rikorrent jilmenta minn nuqqas ta' *disclosure* huwa naqas milli jidentifika xi prova jew x'dokument li skont hu talab u ma nghatax lilu. Anzi mill-atti jirrizulta li kull dokument accessibbli ghall-prosekuzzjoni gie moghti lilu anki fi stadju ta' *pre-trial* tant li d-domandi li kienu qed isirulu waqt l-istqarrijiet kienu jkunu direttament allaccjati mad-dokumentazzjoni.

Illi minn dak kollu suespost l-Qorti tqis li fl-atti odjerni r-rikorrent naqas milli jressaq imqar l-icken prova li huwa soffra xi nuqqas ta' *disclosure* bi ksur tal-jedd ghal smiegh xieraq tieghu. Huwa car

f'ghajnejn din il-Qorti li l-proceduri odjerni verament gew intavolati bhala mezz ta' *fishing expeditio'* f'tentattiv li r-rikorrent jipprova jtawwal ulterjorment il-proceduri kriminali kontra tieghu u mhux ghaliex l-ilmenti kostituzzjonali mressqa minnu huma b'xi mod fondati. Ghalhekk l-insenjamenti fid-digriet kwotat suespost japplikaw perfettament ghall-kaz odjern u l-Qorti ser tghaddi sabiex tichad l-ewwel talba tar-rikorrent f'dan ir-rigward.

Illi dwar il-pluralita' tal-proceduri kriminali fil-konfront tar-rikorrent jirrizulta li dan sehh minhabba n-numru kbir ta' rapporti li saru minn terzi fil-konfront tar-rikorrent, liema rapporti saru fuq numru ta' snin certament bejn is-sena 2011 u s-sena 2016 w'ghalhekk huwa irragonevoli li r-rikorrent jipretendi li l-pulizija ezekuttiva taghmel miserjament hames snin tistenna sabiex tara jinqalax xi kwerelant iehor qabel ma tressaq lir-rikorrent. Anzi mill-atti jirrizulta li fejn setghet il-Pulizija ghaqqdet diversi kazijiet flimkien u dan ai fini ta' praticita' meta dawn il-kazijiet ikunu tressqu b'rapport fi zminijiet vicin ta' xulxin. Illi kif xehdu l-ispetturi koncernati fl-atti odjerni, il-kazijiet tar-rikorrent kienu wiehed pjuttost *sui generis* fejn rapport wiehed kien qieghed jiftah ghajnejn diversi nies dwar dak li seta sehh u dan wassal ghal numru ta' rapporti fuq numru ta' snin. Certament ma tistax tintefa' kwalunkwe responsabilta' legali rizultat ta' din is-sitwazzjoi fattwali u pjuttost straordinarja fuq il-Pulizija nvoluti.

Jirrizulta lil din il-Qorti ghalhekk li l-pluralita' ta' kazijiet fil-konfront tar-rikorrent ma kienux rizultat ta' xi nuqqas ta' *disclosure* da parti tal-pulizija jew il-prosekutur, li rrizulta li kull informazzjoni li kellhom ghamluha nota lir-rikorrent sa mill-mument tal-istqarrija, w'ghalhekk anki dan l-ilment da parti tar-rikorrent ma jirrizultax gustifikat u ma jinkwadrax ruhu fl-ewwel talba tar-rikorrent u ser jigi michud.

Illi dwar it-tieni talba tar-rikorrent, il-Qorti tqis li mill-atti jirrizulta li r-rikorrent fl-ebda hin fil-mori tal-proceduri kriminali ma talab li jigi applikat xi rimedju favur tieghu fuq allegat nuqqas ta' *disclosure,* ghaldaqstant din il-Qorti ma tistax tifhem ghalfejn fl-atti odjerni r-rikorrent ressaq it-tieni talba tieghu relatata mal-artikolu 534AF meta lanqas biss prova japplika l-istess ligi fil-Qorti Kriminali jew tal-Magistrati kif taghtih jedd il-ligi qabel ma ressaq il-proceduri odjerni quddiem din il-Qorti. Fi kwalunkw kaz dan l-ilment mhux gustifikat stante li l-artikolu 534AF joffri rimedju minnu nnifsu wara li izda l-persuna koncernata tqajjem ilment dwar nuqqas ta' *disclosure* (ilment li r-rikorrent ma qajjimx) fil-proceduri kirminali stess. Dwar dan ghalhekk ghandhom raguni l-intimati fl-eccezzjonijiet taghhom. It-tieni talba tar-rikorrent ghalhekk ukoll tirrizulta mhux gustifikata u l-Qorti ser tghaddi sabiex tichad l-istess.

It-tielet talba tar-rikorrent hija allacjata mal-ewwel tnejn w'ghalhekk ser tigi michuda wkoll.

In vista li l-Qorti ser tichad it-talbiet tar-rikorrent ghar-ragunijiet suesposti, tqis li jtun futli li tinoltra ruhha oltre fl-eccezzjonijiet l-ohra mqajjma mill-intimati.

**Decizjoni:**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti taqta' w'tiddeciedi dan ir-rikors ta' indoli kostituzzjonali kif isegwi:

1. Tichad il-hames eccezzjoni tal-intimati u tiddikjara lill-Avukat Generali bhala legittimu kontradittur fil-proceduri odjerni;

2. Tilqa' ir-raba' (4), l-ghaxar (10), il-hdax (11), it-tnax (12), it-tlettax (13), l-erbatax (14), it-tmintax (18), id-dsatax (19), l-ghoxrin (20), il-wiehed u ghoxrin (21), it-tnejn u ghoxrin (22) u t-tlieta u ghoxrin (23)eccezzjoni tal-intimati;

3. Tilqa' l-bqija tal-eccezzjonijiet tal-intimati biss sakemm dawn huma kompatibbli ma' dak hawn fuq deciz;

4. Konsegwentement tichad it-talbiet kollha tar-rikorrent.

Bl-ispejjez kollha tal-proceduri odjerni kontra r-rikorrent.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**3 ta' Ottubru, 2023**

**Cora Catania**
**Deputat Registratur**
**3 ta' Ottubru, 2023**